**9 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Marianna mart George Muscat, noe.

*versus*

Av. Dr. Joseph Cassar, et. noe.

**Talba fiċ-ċitazzjoni — Nullità — Teorija tal-Ekwipollenti — Art. 155(1) tal-Proċedura Ċivili.**

*Iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha mfissrin ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba, taħt piena ta' nullità fin-nuqqas.*

*Dan il-prinċipju llum sab però, temperament, b'applikazzjoni tat-teorija tal-ekwipollenti li ssanzjonat il-prinċipju li mhijiex neċessarja ebda formula espressa għall-propożizzjoni ta' l-azzjoni.*

*Ċitazzjoni m'għandiex tiġi ritenuta nulla ħlief għar-raġunijiet gravi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni; premess illi fl-10 ta' Marzu, 1948 miet Giuseppi Ebejer (Dok: A) u fil-11 ta' Settembru, 1962 mietet Grazia Ebejer (Dok: B), nanniet ta' l-attur Joseph Ebejer u ġenituri tal-konvenuti aħwa Ebejer rispettivament; u premess illi b'testment "unica charta" ppublikat minn Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier fil-21 ta' Ottubru, 1944 (Dok: C) l-imsemmija Giuseppe u Grazia Ebejer, wara li ħallew lil xulxin l-usufrutt ġenerali ta' ħwejjiġhom u wara li istitwew xi prelegati, innominaw bħala eredi universali tagħhom, fi quoti

indaqs, ċjoè sesta parti indivisa lill-naxxituri minn Gio Batta u Filippo Ebejer rispettivament, lill-attur Joseph Ebejer, bin binhom premort Joseph Ebejer, u lit-tliet konvenuti l-oħra Carmela, Antonia Cachia u Rosina Zerafa; u premess illi b'testment ieħor fl-atti ta' l-istess Nutar Giorgio Borg Olivier tal-11 ta' Diċembru, 1959 (Dok: D), l-imsemmija Grazia Ebejer immodifikat l-ewwel testment tagħha, billi wara li istitwiet xi prelegati oħra, irrevokat in-nomina ta' l-attur bħala eredi tagħha u assenjatlu biss mitejn lira (£200) a saldu anki tal-leġittima lilu spettanti; u premess illi qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Grazia Ebejer l-attur ma jistax jiddeċiedi jaċċettax il-legat tagħha jew inkella l-leġittima lilu spettanti — talbet illi (1) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn l-imsemmija Giuseppi u Grazia miżżewġin Ebejer, billi tiġi dikjarata tikkonsisti fis-sostanzi immobiljari u mobiljari li jirriżultaw matul il-kawża (2) tiġi l-istess komunjoni ta' l-akkwisti maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lill-assi partikolari ta' l-istess Giuseppe Ebejer u l-oħra lill-assi partikolari ta' martu Grazia Ebejer (3) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-istess Giuseppe Ebejer billi jiġi dikjarat jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti fuq imsemmija kif fuq assenjat u f'dak kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża (4) dan l-assi partikolari ta' Giuseppe Ebejer hekk likwidat maqsum f'sitt porzjonijiet ugwali u, salv dejjem l-usufrutt ta' martu Grazia Ebejer matul ħajjitha, assenjata dawn il-porzjonijiet f'sesta parti ($\frac{1}{6}$) kull wieħed bejn in-naxxituri ta' Gio Batta Ebejer, in-naxxituri ta' Filippo Ebejer, Carmela Ebejer, Antonia Cachia, Rosina Zerafa u bejn l-attur (5) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-istess Grazia Ebejer billi jiġi dikjarat jikkonsisti fin-nofs tagħha mill-komunjoni ta' l-akkwisti fuq imsemmija u f'dak kollu li jirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża, kif ukoll tiġi likwidata l-leġittima talvolta spettanti lill-attur mill-istess assi partikolari (6) il-konvenuti jiġu kkundannati jassenjaw lill-attur il-leġittima fuq imsemmija jew

iħallsuh il-legat fuq indikat ta' mitejn lira (£200) skond liema minnhom jirriżulta ta' valur ikbar, u prevja kull aċċettazzjoni da parti ta' l-attur — bin-nomina, okkorrendo, ta' periti għall-finijiet tal-likwidazzjoni u diviżjonijiet operandi, bin-nomina ta' Nutar għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u b'dik ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Awwissu, 1963;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-eċċezjonijiet tal-konvenuti hija motivata mill-fatt li l-attriċi nomine qegħda tiddeduċi talba inċerta, billi wieħed ma jafx jekk hijiex titlob il-leġittima jew hijiex taċċetta t-testment, u mħabba f'hekk it-talba attriċi mhijiex definitiva.

Ikkunsidrat:

Li Grazia Ebejer b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier tal-11 ta' Novembru, 1959 immodifikat l-ewwel testment tagħha, billi wara li istitwiet xi prelegati oħra rrevokat in-nomina ta' l-attur bħala eredi tagħha u assenjatlu biss mitejn lira (£200) a saldu anki tal-leġittima lilu spettanti;

Li kien għalhekk li l-attur deherlu li qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju tal-imsemmija Grazia Ebejer ma setax jiddeċiedi jaċċettax il-legat tagħha jew inkella l-leġittima; u konsegwentement fil- ħames talba talab li tiġi likwidata l-leġittima talvolta spettanti lilu mill-assi partikolari ta' Grazia Ebejer, u fis-sitt talba talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jassenjaw lill-attur il-leġittima fuq imsemmija, jew iħallsulu l-legat fuq indikat ta' £200, skond liema minnhom jirriżulta ta' valur akbar.

Ikkunsidrat:

Li skond il-fehma ta' din il-Qorti ma jidhirx li t-talba kif formulata hija affetta minn xi difett ta' inċertezza, u mhijiex definitiva.

Li l-istess dispożizzjoni testamentarja kif konċepita, induċiet lill-attur biex qabel ma jaċċetta l-legat a saldu tal-leġittima, jinvestiga kemm huwa l-valur tal-leġittima; u dana huwa loġiku li kellu jsir, billi bl-aċċettazjoni sempliċi tal-legat, huwa seta' jiġi preġudikat inkwantu seta' jirriżulta li l-import tal-leġittima lilu spettanti fuq l-assi ta' Grazia Ebejer huwa superjuri għall-legat. Biex tiġi aċċertata dina l-pożizzjoni ta' l-attur kien appuntu meħtieġ li jiġi likwidat l-assi ta' l-istess Grazia Ebejer li minnu, skond il-każ, tiġi segregata l-leġittima ta' l-attur (Kollez, XXX, i, 363, XXXVI, i, 269).

Li, huwa prinċipju aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna li "ognuno ha il diritto di avanzare una domanda perchè la Corte dichiari sulla esistenza o meno di un suo diritto; basta che l'attore mostri che abbia un interesse attuale e che il diritto sia accertato di fronte al suo legittimo contradittore come conseguenza di uno stato di cose" (Kollez. XXVIII, iii, 1206).

Li ma jistax ikun hemm dubju li l-attur m'għandux interess attwali li jagħmel talba simili u dana in vista tal-konsiderazzjoni ġa fuq esposta, u dana jingħad anki imħabba r-rifless li d-dritt tal-leġittima spettanti lill-attur ma ġie f'ebda mod privat minnu bis-saħħa tal-istituzzjoni tal-legat, għaliex dana huwa dritt li jitwieled mill-liġi, u ma jistax jintilef jekk mhux għall-motivi kontemplati fl-istess liġi, li żgur ma jirrikorrux fil-każ in disamina.

Li, dina l-eċċezzjoni jidher li l-konvenuti jridu jiddesumuha mid-dispożizzjoni tal-art. 155(1) tal-Proċedura Ċivili, fejn

huwa stabilit li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha mfissrin ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba u dana biex il-konvenut jaċċetta dak li huwa jaħseb li huwa ġust, u jiddefendi ruħu kontra dak li huwa jippretendi li huwa nġust. Dana l-konċett huwa l-fondament tal-kontestazzjoni ġudizzjali li kienet ġa minn żmien il-kodifikaturi Romani enunċjata f'dawna l-kliem: "Qua quisque actione agere vebit eam edere debet, nam equissimum videtur, *eum qui acturus est*, edere actionem ut proinde sciat reus ultrum cedere, au contendere ultra debeat, et si contendendum putat, veniat instructus ad agendum cognita actione qua conveniatur". (*Lib. I, de edendo*).

Li dana r-rekwisit huwa mpost mill-liġi taħt piena ta' nullità, meta l-elementi taċ-ċertezza u tal-kjarezza taċ-ċitazzjoni ma jirriżultawx suffiċjentement esposti tant fiċ-ċitazzjoni, u fid-dikjarazzjoni. (App. Ċiv. in re Mifsud v. Fiorini, 19 ta' Ġunju, 1938 u Kollez. XXXIV, ii, 108). Dana r-rigur, li antikament kien iwassal għan-nullità taċ-ċitazzjoni, beda biex sab *temperament* bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanzi XXIV, tal-1934 u *XXVIII tal-1935 li emendaw* l-art. 155(1) *tal-Proċedura* Ċivili (Kollez. XXXIII, i, 228; XXIX, ii, 88), u llum jidher li ġie sensibilment smossat, jekk *mhux* abolit għal kollox, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-ekwipollenti li ssansjonat il-prinċipju li mhijiex neċessarja ebda formula espressa għall-propożizzjoni ta' l-azzjoni (Kollez. XXIV, ii, 501) basta *li jif*thiem xi jkun qiegħed jitlob l-attur (Kollez. XXIX, i, 431); u dana jingħad għaliex iċ-ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqa' ħlief għar-raġunijiet gravi (Kollez. XXIX, i, 106).

*Li, inoltri,* fejn l-oġġett u l-kawżali, bħal ma huwa fil-każ preżenti, *jeżistu*, l-att *taċ-ċitazzjoni ma jistax jingħad* li huwa nieqes minn xi formalità u li t-talba hija nċerta u mhux definita (Kollez. XXXIII, *i*, 535).

Għal dawna l-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenuti fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.